

# il-hajja ta' kristu gesu'

## 17. GESU' U S-SAMARITANA HDEJN IL-BIR

**GV 4:1-43**

Bejn il-Gudea u s-Samarija kien hemm pajjiz jismu Samarija. Maz-zmien kien jaghmel parti minn Izrael, imma meta l-Lhud kienu mehuda bhala ilsiera mir-re ta' l-Assirja, barranin minn ibliet ohra gew f'dik l-art u ghamluha arthom u darhom.

Dawn il-barranin kisbu taghrif fuq Alla tal-Lhud, imma qatt ma adurawh fit-tempju ta' Gerusalemm.  Saru ghedewwa kbar tal-Lhud u fi zmien Kristu kienu ghadhom mibghuda mill-Izraeliti.

Meta kienu jaqsmu lejn jew minn Gerusalemm il-Lhud tal-Galilea ma kienux jiehdu t-triq il-qasira imma kienu jaghzlu li jiehdu triq itwal li l-ewwel kienet tiehu lejn ix-xmara Gordan imbaghad lejn it-trufijiet ta' dik l-art li l-Lhud kienu tant jobghodu u jiddisprezzaw.

Ghalkemm Gesu' kien Lhudi ma kienx jaqsam l-istess fehmiet ta' hutu l-Lhud lejn is-Samaritani. Kien jaf li dak il-poplu hu prezzjuz quddiem Alla daqs kull bniedem iehor u kien xewqan li jxerred it-taghlim tieghu fosthom meta kien sejjer lura lejn daru f'Nazaret.

Minhabba li Gesu' ried jiehu t-trieq il-qasira, mis-Samarija, id-dixxipli tieghu ma hallewx wahdu u terrqu flimkien sa ma waslu f'belt zghira jisimha Sikar.

Hdejn il-belt kien hemm bir li kien thaffer mijiet ta' snin qabel probabilment minn Gakobb, in-neputi ta' Abraham. U b'memorja tieghu semmewh il-bir ta' Gakobb. Meta waslu hdejn il-bir, Gesu' qaghad bil-qieghda ma' gembu minhabba li hassu ghajjien mill-vjagg twil li ha. Id-dixxipli tieghu marru fil-belt biex jixtru x'jieklu u hallew wahdu.  Dak il-hin mara mir-rahal giet hdejn il-bir biex timla' l-ilma. Tat daqqa t'ghajn lil dak il-barrani bil-qieghda hdejn il-bir u indunat li kien Lhudi. Meta rat li dak il-Lhud ma tax kazha resqet lejn il-bir u nizzlet il-garra biex itella' l-ilma. Meta l-garra intliet bl-ilma, tellghitha u bdiet biex titlaq lura lejn darha meta Gesu' talabha ftit ilma biex jixrob. Il-mara miblugha li Gesu' talabha l-ilma qaltu: " Kif inti Lhudi titlob lili. Mara mis-Samarija biex tixrob? " Ghax il-Lhud qatt ma kellhom x'jaqsmu mas-Samaritani.

U Gesu' wegibha: "Kieku tkun taf min qed jitolbok biex itih ftit ilma biex jixrob, kieku inti titolbu biex jaghtik u hu jaghtih l-ilma haj."

Dawn il-kelmiet qanqlu l-kurzita' tal-mara. Bejnha u bejn ruhha qalet : "Min jista jkun dan il-barranin?" Gharfet f'qalbha li dan il-Lhudi ma kienx bhal ohrajn ghaliex il-Lhud kienu lesti li jsofru l-ghatx basta ma jitolbux favur lis-Samaritani.

"Il-bir huwa fond u inti anqas ma ghandek habel biex itella' l-ilma, allura kif trid taghtini l-ilma haj biex nixrob? Jaqaw inti akbar minn Gakobb li tana dan il-bir u li minnu xorob hu, u l-merhla tieghu?", saqsietu l-mara.

"Kull min jixrob minn dan l-ilma tal-bir ta' Gakobb, jerga' jiehdu l-ghatx u jigi lura biex jimla mill-gdid," wegibha Gesu', " imma l-ilma haj li naghti jiena mhux ta' dan il-bir. "



Is-Samaritana ma fehemitx li dak l-ilma li kien qed jitkellem minnu Kristu kien ifisser id-don tas-salvazzjoni lil popli kollha."Aghtini minn dan l-ilma biex ma noqghodx nerga nigi hawn. Ma nibqghax nghejja, gejja u sejra nimla l-ilma," talbitu l-mara samaritana.

Gesu' meta ra li kienet interessata beda jkellimha fuq dnubietha. Kienet mara midimba u qalilha l-hwejjeg kollha hziena li kienet ghamlet. Hija staghgbet kif dak il-barrani li qatt ma kienet rat kien jaf dawn l-affarijiet kollha. Gharaf jaqralha hajjitha kollha.

"Minn dak li qed nara inti profeta," esklamat il-mara. Ghalkemm mara midimba hija kienet tistaqsi lilha nfisha jekk Alla kienx jiehu pajcir aktar bir-religjon tal-Lhud milli b'taghhom. U allura hija staqsiet lil Gesu' jekk in-nies ghandhomx jaduraw lil Alla fit-tempju tal-Lhud jew fuq l-gholja. "Alla huwa spirtu u jinsab kullimkien u min jadurah jehtieg li jadurah bl-ispirtu u l-verita'. Ghalhekk wiehed jista jaghtih qima kull fejn jinsab," wegibha Gesu'

Il-mara qalet:  “ Jiena naf li l-Messija gej minn Alla u meta jigi jxandrilna kollox.”

“Jiena hu l-Messija,” qalilha Gesu. U l-mara ntliet b’ferh kbir. Dak il-mument li d-dixxipli tieghu rritornaw mill-belt bl-ikel li kienu xtraw il-mara telqet tigri biex tirrakonta lil shabha bil-laqgha taghha mal-barrani li qrahla hajjitha. Id-dixxipli ta’ Gesu’ baqghu miblugha kif Gesu’ kien qed jitkellem ma’ mara li huma kienu jiddisprezzaw izda hadd minnhom ma kellu l-hila jistaqsih. Offrewlu l-ikel li kienu gabu, izda huwa irrifjutah ghaliex qalilhom li hu kellu ikel iehor x’jiekol, ikel li huma ma kienux jafu bih.

Huma staqsew wiehed lil iehor: “ Jaqaw xi hadd gablu l-ikel meta ahna ma konniex hawn?” Gesu’ li gharaf x’kienu qed jghidu bejnithom qalilhom: “L-ikel tieghi hu li naghmel ir-rieda ta’ Missieri li baghtni f’din id-dinja.”

Meta l-mara marret fil-belt hija irrakontat lin-nies li iltaqghet mal-Messija ghaliex kien hu li qalilha hwejjeg mohbija fuq hajjitha. In-nies riedu jaraw b’ghajnejhom dak kollu li qaltilhom il-mara u ghaldaqstant marru hdejn il-bir ta’ Gakobb.

Hawn Gesu’ beda jkellimhom fuq is-saltna t’Alla u huma stednuh biex jibqa’ maghhom halli jomplu jisimghu aktar fuq dawn il-veritajiet. F”Sikar dam jumejn jghallem. Imbaghad kompla trieqtu lejn Nazaret.  Xi uhud gewwa Sikar emmnu fih.

## RIFLESSJONI

Meta Gesu’ iltaqa’ mas-Samaritana, diskorsu ma kienx fuq hwejjeg vojta, izda fuq suggetti li jirrigwardaw is-salvazzjoni tar-ruh.  Hu ghalhekk gie fid-dinja biex jaghmel ir-rieda ta’ Missieru u din kienet li jxandar il-bxara it-tajba u jressaq erwieh Lejh.

Gesu’ jinteressah bilkbir is-sitwazzjoni tar-ruh taghna.  Biex jifdiha minn taht idejn ix-xitan  ta hajtu b’sagrificcju fuq is-salib. Daqshekk tiswa’ il-hajja tar-ruh taghna.

Ftakar ukoll li kull min jilqa’ lil Gesu’ b’imhabba tal-qalb jaghraf li akwwista tezor. Ma jzommux ghalih. Ixandru lil haddiehor ghax ikun irid li jaqsam il-ferh tieghu ma’ ghajru. Jixtieq li ghajru wkoll jaccetta s-Salvatur Uniku tal-bnedmin.